MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2011

Numru. 519/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**MALCOLM MIFSUD ta' 25 sena, iben Michael u Mary Rita nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26.03.1985, residenti fil-fond Flat 4, Navillus Flats, Triq Lapsi, San Giljan, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 230785M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **MALCOLM MIFSUD** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, b'xi hin bil-lejl ta' bejn il-5 ta' Jannar, 2005 u s-6 ta' Jannar, 2005:

1. Ikkommetta serq ta’ ghodda, u cioe’ battery charger, generator, welding set u diversi batteriji ghall-ammont komplessiv li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00) u kif ukoll tmenin lira Maltin (Lm80.00) fi flus kontanti, minn gewwa l-fond maghruf bhala Dina Garage ta’ Triq il-Kullegg l-Antik, San Giljan, ghad-dannu ta’ Carmel Grech u Anthony Grech u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261, 263, 267, 269, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, gewwa l-fond maghruf bhala Dina Garage ta’ Triq il-Kullegg l-Antik, San Giljan, liema ammont ta’ hsara jiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), ghad-dannu ta’ Carmel Grech u Anthony Grech u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli kkommetta sreq ta’ ghodda li jikkonsisti f’welding set ghall-ammont komplessiv li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100.00) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1,000.00) minn gewwa l-fond maghruf bhala MSG Garage ta’ Triq Birkirkara, San Giljan, ghad-dannu ta’ Simon Sciberras u persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-lok, u bil-valur u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 261, 263, 267, 269, u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, gewwa l-fond maghruf bhala MSG Garage ta’ Triq Birkirkara, San Giljan, liema ammont ta’ hsara jiskorri l-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), ghad-dannu ta’ Simon Sciberras u persuni ohra, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli huwa recidiv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel, moghtija mill-Magistrat Dr Giovanni Grixti fis-sena 2004.

Rat li fl-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu (folio 8);

Rat il-proces verbal ezebit fl-atti dwar l-Inkjesta dwar serq mill-Garage Dina. Rat ghalhekk l-esperti hemm nominati. Semghet ukoll lilll-esperti li kkonfermaw ir-rapporti minnhom ezebiti quddiem din il-Qorti. Senjalament irrizulta mill-atti ta’ l-Inkjesta li l-espert appozitament imqabbad Joseph Mallia kien ikkonkluda, wara li kellu f’idejh l-impronti digitali u tal-palma ta’ l-id ta’ l-imputat (mehuda fl-Inkjesta folio 57, 58 Dok EC) kif ukoll l-impronti li nstabu fuq il-post tas-serqa:
*F ‘Illi l-impronta li tidher fuq il-lifter dokument 05 HBU 308 giet ikkomparata definittivament mal-marka tas-saba l-werrej ta’ l-id ix-xellugija ta’ Malcolm Mifsud, li joqghod numru 4, Navillus Flats, Triq Lapsi, San Giljan, detentur .karta ta’ l-identita’ numru 230785M, u ghalhekk l-esponenti jikkonkludi li din l-impronta giet maghmula minn dan l-istess saba.’* (folio 74 pv).

Issa mir-relazzjoni Dok VM folio 40 jirrizulta (folio 46) illi l-lifter 05 ABU 308 kien wiehed misjub u elevat minn fuq panel ta’ l-aluminium li kienet quddiem is-safe gewwa kamra tal-fond. Vide ritratt 05 ABU 143 – 144.

Ghalhekk il-Qorti ghaddiet biex tezamina dawn ir-ritratti hekk imsemmija.

Qieset ukoll illi fil-fatt il-mertu ta’ din il-kawza jikkoncerna zewg serqiet li saru – wahda mill-garage MSG, minn hemm insterqu ossignu u acitelena. Dawn skond ix-xhieda ta’ Simon Sciberras jiswew bejn Lm300 u Lm500.00. Dan l-ossignu u acitelena nstabu gewwa l-fond Dina Garage (vide korrezzjoni a folio 60). Minn go dan il-garage insterqu battery charger, generator u electric welding set (folio 71). Dan dejjem skond ix-xhieda ta’ Anthony Grech sid ta’ l-istess fond (Dok G a folio 76). Ikkonferma dan ix-xhud illi l-acitelena li nstabu fil-garaxx tieghu kienu fil-fatt ta’ Simon Sciberras sid Dina Garage. Mix-xhieda tieghu dawn iddahhlu fil-garage Dina ad insaput tas-sidien ta’ l-istess. Senjalament dan ix-xhud spjega li l-imputat gieli

kien jidhol fl-ufficju fejn kien jinstab dan l-armadju (fuq liema nstabu l-impronti digitali), dan biex issirlu invoice tal-fuel li kien jiehu f'isem l-imghallem tieghu Dina Garage. Jghid anzi dan ix-xhud illi ghalhekk l-imputat dahal fl-ufficcju kemm-il darba, diversi drabi (folio 104). Spjega li d-distanza bejn fejn kienu jigu ffirmati l-karti (l-invoice) ghall-armadju li fih kien jinsab is-safe, li fuqu allura nstabet l-impronta, kienet ta' zewg piedi, mhux izjed (folio 105). Innega li l-imputat qatt seta' fetah is-safe. Anzi dan ix-xhud, fuq mistoqsija tad-Difiza, kompla li l-imputat gieli dahal fl-ufficju jew ghax ikollu bzonn xi spanner jew biex jinqeda ghall-bzonnijiet tieghu.

Dan kollu gie anki kkonfermat minn Charles Grech, ukoll proprjetarju tad-Dina Garage. Xehed ukoll dwar id-danni sofferti minhabba l-isgass, is-serq ta' l-oggetti, kif ukoll li nstabet acitelena u l-ossignu. Xehed ukoll illi l-imputat kien imur jiehu l-petrol minghandhom, b'mod regolari. Qal ukoll illi gieli dahal gewwa, per pezempju biex jiehu turnativt. Innega li qatt seta' tela' fuq.

Ghandu jinghad ukoll illi fl-istqarrija ezebita, rilaxxata mill-imputat, ezebita bhala Dok MM folio 19 – 21, huwa dejjem innega li kien involut f'din is-serqa.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali (folio 92) li jaqraw:
L-Artikoli 18, 261(b)(c)(d)(f), 263, 267, 269, 270, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 325, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moghti l-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal tali proceduri.

Ikkunsidrat:

Rat illi d-Difiza ghaddiet ghall-kontro ezami ta' Anthony Grech li kkonferma li l-imputat kien rah kemm-il darba l-pompa ghax kien jahdem ma' persuna li kienet tixtri l-

petrol minghandhom. Ikkonferma wkoll illi l-imputat gieli dahal gewwa, cioe' fl-ufficju.

Ikkunsidrat:

Illi certament u bla dubbju, l-agent responsabbli ghas-serqa li saret gewwa l-MSG, kien involut fis-serqa li saret gewwa d-Dina Garage. Pero, u hawn ftit ghandha xi tghid il-Qorti, fil-kaz in ezami, l-impronta digitali wahda misjuba fuq l-armadju, ta' l-imputat, ghalkemm certament tpoggieh gewwa l-fond derubat Dina Garage, ma torbtux sal-grad li trid il-Ligi, cioe' 'l hemm mid-dubbju ragonevoli ma' din is-serqa, meta tittiehed in kongunt max-xhieda li xehdu l-ahwa Grech. Ghaldaqstant, Malcolm Mifsud qieghed jigi liberat mill-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------